**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Distrett Qormi**

**Kawża Numru 806/2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mark Camilleri**

**Illum, 22 ta' Jannar, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Mark Camileri detentur tal-karta tal-identità numru 88088M, li permezz tagħha ġie akkużat talli nhar id-29 ta' Ottubru, 2021, għall-ħabta ta' 09.30hrs, għamel lil ħaddieħor, u ċioè lil Onorevoli Rosianne Cutajar, inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurjaha b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita llum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

L-imputazzjoni li qiegħed jiġi akkużat biha l-imputat, hija dik indikata fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 jaqra s-segwenti:

> *"Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min-*
>
> *...( e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni."*

Dwar tali kontravenzjoni, issir referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Salvatore La Rocca,** deċiża fis-sebgħa (7) ta' Frar, 2019, fejn intqal:

> *"Bħala kunsiderazzjoni legali in konnessjoni ma' din il-kontravenzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Camilleri deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-30 ta' Settembru 2009:*
>
> *"Skond il-ġurisprudenza Il-Pulizija versus Joseph Frendo' (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 1995) it-theddid ifisser li aġent ikun qed jippospetta lil persuna oħra ħsara inġusta. 'Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ……u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-ġesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9, theddid tfisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodiëi , e.ż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess agent."*
>
> *Fis-sentenza fl-ismijiet Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar ingħad li: "Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-ġlied, dak l-attġġjament jammonta għal minaċċja reali u verbali."(Deċiża mill-Imħallef Dr W. Harding fil-25 ta' Ġunju 1952').*

*Theddida lanqas ma titlef mis-serjeta` tagħha jekk tkun kundizzjonata. (Ara f'dan is-sens Stella Bugeja vs Rosina Bugeja tal-31 ta' Jannar 1949).*

*Ingħad ukoll li minaccja ma titlifx mis-serjeta' tagħha billi tkun kundizzjonata. Antolisei jisħaq li: " e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' delle persone a cui e' rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti faro' vedere di che cosa sono capace." (Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale' (Milano Giuffre).*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-parte civile tindika li fil-każ odjern "it-theddid tal-imputat ħa forma ta' invoice."*

*Il-Qorti ma tarax kif tali xenarju jista' jaqa' fil-parametri ta' din l-akkuża u kif dan jista' jitqies li tammonta għall-ħsara inġusta."*

Issir imbagħad referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, mogħtija fid-9 ta'April, 2019, fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Antoine Degiorgio**, fejn ġie osservat is-segwenti:

*"Illi tenut kont li l-kliem li allegatament intqal sar permezz ta' Facebook, li jikkostitiwxxi network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, sakemm il-kliem jibqgħu ta' natura malafamanti biss, tali kliem ma għadhomx jitqiesu li jammontaw għall-reat u kull azzjoni kellha tkun waħda purament ta' natura ċivili li kellha tittieħed ai termini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Għaldaqstant minkejja li l-ewwel imputazzjoni ġiet irtirata mill-prosekuzzjoni, ġaladarba il-kliem kien ippublikat fuq Facebook dan ma baqax jinkwadra taħt ir-reat kontravenzjonali ravviżat bl-artikolu 339(1)(e).*

*Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza Il-Pulizija vs Lee Borg (per Onor. Imħallef Edwina Grima; Deċiża 30 ta' Ġunju, 2016):*

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' inġurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew ġesti, kitba, ecc., skond il-każ) inġurjużi jridu jkunu ġew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna waħda – għax b'hekk biss jista' jitwettaq il-ħsieb li jkollu l-aġent li jtellef jew inaqqas il-gieħ tal-persuna inġurjata ("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliż). Kliem, ġesti, kitba jew disinji inġurjżzi li jiġu ndirizzati mill-aġent lill-persuna li jkun qed joffendi, iżda li jibqgħu bejniethom it-tnejn huma puniti bħala kontravenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodiċi Kriminali.*

*M'hemmx dubju li malli il-kliem malafamanti ġie kommunikat lill-terzi, kif ġara' malli ġie pubblikat fuq Facebook, ir-reat ma baqax wieħed ta' natura kontravenzjonali."*

Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenzi, li saret referenza għalihom mill-legali tad-difiża, u ċioè:

i. Is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Carlos Cordina) vs Martha Micallef**, deċiża fil-11 ta' Diċembru, 2018, fejn intqal:

*"Huwa minnu li hemm ukoll ir-reat kontravvenzjonali tal-inġurja taħt l-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9, iżda l-Qorti mill-ewwel tosserva li dan ir-reat ma jinkwadrax fil-fattispeċje ta' dan il-każ. Dan għaliex huwa assodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi r-reat kontravvenzjonali tal-inġurja taħt l-Artikolu 339(1)(e) huwa identifikabbli f'insulti li jibqgħu bejn l-aġent u l-persuna li lilha jiġu indirizzati, mingħajr ma dawn jiġu komunikati lil terza persuna, mentri fil-każ odjern, id-dikjarazzjonijiet saru bil-miktub u ġew ippreżentati fl-atti ta' kawża quddiem il-Qorti Ċivili u kwindi, kienu aċċessibbli lil terzi persuni.*

*Kif ritenut in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Vella deċiż fit-30 ta' April 2001:-"Biex ikun hemm ir-reat ta' inġurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew ġesti, kitba, eċċ., skond il-każ) inġurjużi jridu jkunu ġew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna waħda – għax b'hekk biss jista' jitwettaq il-ħsieb li jkollu l-aġent li jtellef jew inaqqas il-ġieħ tal-persuna inġurjata ('with the object of destroying or damaging the reputation of any person', fit-test Ingliż). Kliem, ġesti, kitba jew disinji inġurjużi li jiġu ndirizzati mill-aġent lill-persuna li jkun qed joffendi iżda li jibqgħu bejniethom it-tnejn huma puniti bħala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) tal-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali."*

ii. Is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, **Pulizija vs Romina Shepard**, fid-9 ta' April, 2019.

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi prodotti, jirriżulta ben evidenti, li r-rapport li sar mill-allegata parte leża, kien minħabba li ġew imtella' xi *posts* fuq midja soċjali, allegatament mill-imputat, li permezz tagħhom, l-allegata parte leża ħassitha inġurjata u mhedda. In fatti, l-Ispettur li mexxa dan il-każ, kien proprju spettur stazzjonat fis-*Cyber Crime Unit*.

Fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq ikkwotata, din il-Qorti ma tqisx li r-rapport li sar mill-allegata parte leża, jirrafigura ruħu f'din il-kontravenzjoni. Iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, hekk kif jirriżultaw mill-provi prodotti, bl-ebda mod ma jaqgħu fil-parametri ta' din l-akkuża kontravenzjonali. Kif già ċitat iktar 'il fuq f'din is-sentenza, kliem, ġesti, kitba jew disinji inġurjużi li jiġu ndirizzati mill-aġent lill-persuna li jkun qed joffendi, iżda li jibqgħu bejniethom it-tnejn, huma puniti bħala kontravenzjoni skont il-paragrafu (e) tal-Artikolu 339(1) tal-Kodiċi Kriminali. Għaldaqstant, dan l-aġir irrapportat mill-allegata parte leża, ma jammontax għal wiehed ta' natura kontravenzjonali, peress li dan ir-reat ma jinkwadrax fil-*fattispecie* ta' dan il-każ.

Għalhekk, filwaqt li fiċ-ċirkostanzi, il-kontravenzjoni taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 ma tirriżultax li hija applikabbli f'dan il-każ, u per konsegwenza, din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn kull kundanna u ħtija.

**Decide**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qiegħda tillibera lill-imputat minn kull kundanna u ħtija.**

______________________________

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

______________________________

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**